**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn 24 t’ April 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Terence Vella**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Terence Vella ta' 40 sena, iben Francis u Mary Anne nee' Cassar li twieled ġewwa Pietà nhar it-22 ta’ Gunju 1982, iddikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz 13, St. Rose, Triq it-Tabib Robert Naudi, Msida u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 339582M.

Akkuzat talli nhar l-24 ta’ Frar 2023, u granet u/jew gimghat u/jew xhur u/jew snin ta’ qabel gewwa l-Imsida u f’dawn il-gżejjer, b’diversi atti, ukoll jekk maghmula fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Waqt li kien jaf jew missu kien jaf li persuna hi anzjana jew adulta dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet, ħlief dawk li x’aktarx jikkawżaw offiża

gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement gieghel jew ippermetta lil ommu Mary Anne Vella, persuna anzjana adulta dipendenti issofri, jew ġab fuq dik il-persuna uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li kellu l-kura u l-kustodja tal-persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement ġieghel jew ippermetta li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom ħsara, jew xjentement ġiegħel jew ippermetta li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqiegħdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom tkun fil-periklu u dan bi ksur tal-Artikoli 257 C(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi uza vjolenza, inkluż vjolenza morali u/jew psikoloġika u/jew sfurzar, sabiex iġieghel tagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg ghad-detriment ta' ommu u ċioe' Mary Anne Vella u waqt li kien qed jghix maghha u dan bi ksur tal-Artikoli 251 (1)(2)(3) u 251 H (b)(c)(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi kkaġuna lil ommu u ċioè Mary Anne Vella, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha, u dan bi ksur tal-Artikoli 251(3) u 251 H (b)(c)(h) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil ommu Mary Anne Vella, jew gab ruhu b'mod li kien jaf jew kien missu jaf li dan kien ta fastidju ghaliha, u dan bi ksur tal-Artikoli 251 A(1)(a)(b) u 251 H (b)(c)(h) tal-Kap 9. tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi bl-imġieba tieghu ikkaġuna lil ommu Mary Anne Vella biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet, u dan bi ksur tal-Artikoli 251 B(1) u 222(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Mary Anne Vella jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkustanzi ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Astrid May Grima LL.D. nhar il-11 ta' April 2022 u kkommetta' reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija u dan bi ksur tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza mghotija mill-Magistrat Dr Marse Ann Farrugia LL.D. nhar it-22 ta' Mejju 2019 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Mary Anne Vella billi jiġu applikati l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi f'każ ta' ħtija, jiġu applikati l-provedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll toħroġ ordni ta' trattament li tkun teħtieġ li persuna taċċetta li jsirilha trattament bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jista' jidhrilha adatti li tniżżel fl-ordni u dan hekk kif stabbilit fl-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li dawn il-proceduri jsiru bil-procedura sommarja.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2023 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' disa' snin prigunerija u s-

sentenza sospiza ta' xahar tigi reza operattiva u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputati wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

9. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

10. Il-Qorti jidhrilha jkun opportun li ticcita estensivament mill-konsiderazzjonijiet taghha fis-sentenza moghtija fit-22 ta' Mejju 2019 minn din il-Qorti stess kif preseduta fil-konfront tal-istess imputat – liema sentenza tinsab esebita in atti:

*"Ghalkemm dan l-ammont huwa relattivament wiehed zghir, il-perspettiva tal-entita tieghu tinbiddel meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, fejn ghandu disa' kundanni ta' diversi serq aggravat u kundanna ghal pussess semplici tad-droga eroina. Fil-fatt l-imputat, apparti l-piena karcerarja li qed jiskonta bhalissa, l-imputat kien ikkundannat tlett (3) darbiet ohra piena ta' prigunerija effettiva, minhabba li nstab hati ta' serq aggravat.*

*Mill-pre-sentencing report, jirrizulta car li l-hajja raffrettarja tal-imputat hija attribwibbli ghal fatt li l-imputat beda jabbuza mid-droga cannabis fl-eta zghira ta' hmistax-il sena, u minn din id-droga beda sussegwentement jabbuza wkoll bid-drogi*

*kokaina u eroina. Huwa baqa' jabbuza minn dawn id-drogi hajtu kollha, hlief b'interruzzjonijiet zghar meta kien il-habs, jew beda jsegwi xi programm ta' riabilitazzjoni, u ghal xi perjodu ta' ftit xhur, sakemm huwa gie ikkundannat ghal piena karcerarja li qed jiskonta bhalissa. Kif sewwa osservat omm l-imputat Maryanne Vella lill-Ufficjal tal-Probation "Terence dejjem ikun programm residenzjali jew gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, biss hekk kif jerga' johrog, kien jaghmel ftit zmien tajjeb u wara jerga' jaqa' ghal hajja ta' qabel."*

*Dan ir-reat gie kommess qabel l-imputat kellu l-ahhar kundanna ta' piena karcerarja.*

*Ghalhekk il-problema ewlenija tal-imputat kienet dik ta' l-abbuz ta' droga. Pero mill-pre-sentencing report jirrizulta li kemm ilu fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, cioe mid-29 ta' Jannar 2018, t-testijiet tal-urina li ttiehdu gewwa din l-istess Facilita rrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.*

*Fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, l-imputat beda jigi segwit mill-Psikologa Petra Scicluna, u maghha hadem fuq il-problema tieghu tad-dipendenza fuq id-droga kif ukoll fuq "offending behaviour", partikolarment dak tas-serq. Mir-rapport tal-Psikologa anness mal-pre-sentencing report jirrizulta li l-imputat kien motivat u dejjem attenda regolarment ghall-appuntament, u kien hemm titjib sostanzjali fl-oqsma kollha li hadem fuqhom mill-aspett psikologiku.*

*L-Ufficjal tal-Probation ikkonkluda r-rapport tieghu hekk:*
*"Fid-dawl tal-informazzjoni ngabret matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport jidher li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna fuq fattur principali, dak li jirrigwarda l-abbuz tieghu ta' sustanzi illeciti.*

*Minhabba dawn ir-ragunijiet qed jigi umilment issuggerit lil din l-Onorabbli Qorti, illi Terence Vella ghandu jkompli jiehu l-ghajnuna kontra l-vizzji, sabiex dan ikun jista' jassigura illi l-imputat ma jergax ikollu x'jaqsam mal-Gustizzja Kriminali.*

*Fir-rigward ta' xoghol fil-komunita, sakemm Terence Vella kien qieghed jigi segwit gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, jidher li huwa kandidat idoneu ghal xoghol fil-*

*komunita, biss wiehed ta' min jinnota illi Terence kien qieghed jigi segwit, f'post ikkontrollat u ma tistax tittiehed decizjoni la darba dan imur lura fil-komunita.""*

11. F'dik l-okkazzjoni, din il-Qorti kienet ikkonkludiet li l-isforzi tal-imputat sabiex jirriforma ruhu jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti, u konsegwentement poggiet lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal tlett snin u ordni ta' servizz bla hlas fil-kommunita.

12. Pero jidher li l-imputat ma gharafx juzufruwixxu ruhu minn din l-opportunita, stante li inqas minn sena nofs wara l-ghoti ta' din is-sentenza, u cioe fl-24 ta' Settembru 2020 huwa rega' ikkommetta serq semplici, u gie ikkundannat ghal sentenza sospiza ta' habs b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-11 t'April 2022, li wkoll tinsab ezebita in atti.

13. Ghal finijiet tal-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li l-Mary Anne Vella, u cioe omm l-imputat ghamlet biss dan ir-rapport lil Pulizija, wara li xi hadd ghamel rapport anonimu dwar l-agir tal-imputat lid-dipartiment tal-Active Aging and Community Care. Is-socjal worker f'dan id-dipartiment informa lit-Taqsima ta' Vjolenza Domestika tal-Pulizija b'dan ir-rapport anonimu, u l-Pulizija ghamlu kuntatt mal-vittma.

14. Fir-rapport taghha lill-Pulizija, omm l-imputat qalet li l-imputat kien jitlobha l-flus kull fil-ghaxija sabiex jonfoqhom fuq id-droga. Il-pensjoni kien johodielha, ghax jekk ma ittihx flus kien isir aggressiv, u gieli imbuttaha u joqghod jinsulentaha. Huwa kien ukoll jibghatha tittallab il-flus lill-girien. Hija qalet li tant kienet tibza' minnu li d-dar kienet kemm jista' jkun ma taghmilx storbju ghax jekk kien iqum kien jibda jghajjat, u gieli kienet ma tinhasilx u ma tixghelx dawl.

15. Fir-rapport, il-Pulizija irrilevaw li waqt li kienet fit-Taqsima tal-Vjolenza Domestika, Mary Anne Vella kienet emozzjonata u imbezza' fl-istess hin, u nkwetata x'se jigri meta tmur lura d-dar, u l-imputat iqum u ma jsibiex hemm.

16. Fir-rapport taghhom, ir-Risk Assessors tal-Agenzija Appogg qalu hekk:

*"Ms. Vella alleged that her son asks for money constantly and also demands her to go and knock other people's doors and beg them for money. Ms. Vella alleged that she only eats noodles since her son steals her pension from her. Moreover. Ms. Vella also alleged that "Mohhu ma jkunx f'postu". Ms. Vella alleged that she cannot sleep well during night time because her son is constantly up through the night going through her things which he can sell in order to sustain his drug addiction. Ms. Vella alleged that her son stole her TV, her gold jewelry and some cash. Ms. Vella alleged that her son has a severe drug problem and she is worred that her son's behaviour may become aggressive when he finds out that she proceeded with a police report.*

*It was observed that Ms. Vella was agitated and crying in fear that her son might actually do something in her house or to her: "Illum gejja tieghi x'hin immur id-dar", "X'se jaghmilli". … … It was observed that Ms. Vella seemed confused, tired and scared at times. Ms. Vella alleged that currently she does not have any money to sustain herself in terms of food and other basic necessities. It was observed that Ms. Vella was wearing worn out clothes and had her shoes all torn."*

17. Dan kollu gie konfermat in sustanza mill-imputat fl-istqarrija tieghu. Minn din l-istqarrija irrizulta wkoll li fil-kont bankarju taghha l-omm kien ghad fadlilha biss is-somma ta' erbatax (14)-il Euro u tlieta u sittin (63) centezmu.

18. Il-Qorti tirrikonoxxi illi l-pass li hadet omm l-imputat biex waslet biex tirrapurtah kien wiehed ferm difficli u fl-istess waqt kienet decizjoni iebsa mehudha fil-konfront tal-wild taghha. Il-Qorti ma tistghax ma tosservax li l-imputat kien qieghed jabbuza mill-qalb hanina ta' ommu. Din il-Qorti hija tal-opinjoni li wasal iz-zmien li l-imputat jieqaf darba ghal dejjem li jabbuza mill-buonta ta' ommu, mara anzjana ta' tmienja u sebghin (78) sena.

18. B'lealta kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza qablu li l-piena idonea fil-kaz odjern kellha tkun wahda ta' prigunerija effettiva, pero fil-minimu taghha. Il-Qorti tirrileva li jekk tiehu biss in konsiderazzjoni t-tieni imputazzjoni, u cioe l-imputazzjoni li l-imputat uza vjolenza, inkluz vjolenza morali u psikologika kontra ommu, minn qari tal-Artikolu 251(1) u (2) u l-Artikolu 251H(b)(c) u (h) tal-Kodici Kriminali jirrizulta li l-piena minima

hija ta' tmintax (18) -il sena prigunerija. L-imputat ammetta wkoll li huwa recidiv u li dan huwa reat kontinwat, u ghalhekk din il-piena tista' titla' b'zewg gradi ghal tlett (3) snin prigunerija. Ovvjament, wiehed irid jikkonsidra wkoll ir-regoli applikabbli tal-assorbiment tal-pieni ghall-imputazzjonijiet l-ohra, li l-imputat ammetta li hu hati taghhom, li mhux assorbiti fit-tieni imputazzjoni bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tar-reati jew bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

18. Waqt l-istqarrija tieghu l-imputat qal li diga ghamel tlett programmi residenzjali u ma swew ghal xejn, u ftit li xejn wera herqa li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni iehor – certament mhux programm residenzjali. Jekk l-imputat verament ghandu r-rieda li jeghleb il-problema tad-droga li minnha huwa mahkum jista' jindirizzaha minn gewwa l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi li joffru dan is-servizz. Huwa risaput ukoll li din l-Agenzija toffri wkoll s-servizz ta' psikologu, jekk l-imputat ikun interessat jaghmel uzu minn dan is-servizz. Jehtieg jekk verament l-imputat irid jindirizza il-vizzju tieghu ta' abbuz ta' droga li bl-ghajnuna tal-professjonisti li hemm gewwa l-habs isir pjan ta' kura bil-ghan li l-istess imputat jista' jikseb il-frott mixtieq minn kulhadd.

19. Din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha timponi kundizzjoni li l-imputat jkun ordnat isegwi programm ghaliex temmen li sabiex dan il-programm ikun success din ghandha tkun triq li jghazel hu b'mod volontarju u determinat.

20. Ovvjament din il-Qorti trid tirrendi operattiva s-sentenza sospiza li l-imputat kiser bl-imputazzjonijiet oderni.

**Konkluzjoni**

20. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 18, 257C(1) u (2), 251(1) u (2), 251H(b)(c) u (h), 251(3), 251H(b) (c) u (h), 251A(1)(a) u (b), 251H(b)(c) u (h), 251B(1), 222(1)(a), 339(e), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett (3) snin, li minnha ghandu jitnaqqas

kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

(2) Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' xahar (1) sospiza ghal sena moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-11 t'April 2022 tigi reza operattiva.

B'hekk l-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tlett (3) snin u xahar (1) prigunerija.

(3) Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Mary Anne Vella. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew il-mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

21. Il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**